15 ta' Novembru 2014

127/2014

# DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-2015

Ir-Regolamenti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2015-2016 ġew ippubblikati fuq il-website tal-Knisja f'Malta, www.thechurchinmalta.org.

B'kollox ser ikun hemm total ta' 1,548 postijiet vakanti. L-applikazzjonijiet ser isiru f'diversi skejjel tal-Knisja bejn Novembru u Frar. Min ser japplika għandu jieħu miegħu d-dokumenti meħtieġa u l-applikazzjoni timtela dakinhar stess. Lista tad-dokumenti meħtieġa, u l-ġranet meta wieħed għandu jmur japplika u fejn, huma mniżżla fir-Regolamenti. Dawk li ser japplikaw bħala 'każijiet serji' għandhom isegwu l-istruzzjonijiet imniżżla fir-Regolamenti tal-każijiet serji.

Il-proċess tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Malta jiddetermina d-dħul fl-ewwel u t-tieni sena kindergarten, fl-ewwel sena primarja u fl-ewwel sena sekondarja.

In-numru ta' postijiet vakanti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja fis-sena skolastika 2015-2016 huwa:

| Sena | Postijiet Vakanti Subien | Postijiet Vakanti Bniet |
|---|---|---|
| L-ewwel sena kindergarten | 64 | 91 |
| It-tieni sena kindergarten | 131 | 295 |
| L-ewwel sena primarja | 422 | 247 |
| L-ewwel sena sekondarja | 252 | 46 |
| **TOTAL** | 869 | 679 |

Mit-total ta' 1,548, xi postijiet ser jingħataw lil tfal ikkunsidrati bħala każijiet serji li għalihom hemm regolamenti speċifiċi. Il-każijiet serji jagħmlu applikazzjoni aktar dettaljata u jsegwu proċess paralleli għall-applikazzjonijiet l-oħra. L-applikazzjonijiet għall-każijiet serji ser jibdew f'Novembru u jkomplu f'Jannar. Aktar dettalji tar-Regolamenti tal-każijiet serji jinsabu fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta.

Proċeduri dwar il-ksur ta' dawn ir-regolamenti qed jiġu ppublikati fuq knisja.org/ChurchSchools.
Ksur ta' dawn ir-Regolamenti jista' jwassal għall-esklużjoni mill-iskola tat-tfal involuti.

Aktar dettalji jinkisbu mir-Regolamenti li jinsabu fuq il-websajt tal-Kurja fil-paġna: knisja.org/ChurchSchools.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org